MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 110/2006

**Peter Agius**

**Vs**

**Pierre Buontempo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut ihallas s-somma ta' tlett elef, erba` mija u disghin ewro u sitta u tlettin ewro centezmi (€ 3490.36) ghal Lm 1498.41 rapprezentanti xoghol maghmul mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut, liema xoghol sar f'razzett li jaghti ghal Main Road, Siggiewi.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta` l-artiklu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jindika jekk l-azzjoni hijiex diretta kontra l-esponenti personalment jew f’xi kwalita’ tieghu.

Illi fi kwalunkwe’ kaz l-esponenti m’huwiex il-legittimu kuntradittur in kwantu ma jezisti ebda ness guridiku li jorbtu ma` l-attur.

Illi jekk l-azzjoni hija diretta kontra Drapp Company sa fejn jaf l-esponenti tali kumpanija ma tezistix u jekk tali kumpanija tezisti huwa m’ghandu ebda sehem fiha u / jew konnessjoni maghha.

Illi jekk l-azzjoni hija diretta kontra Dram Co Ltd tali socjeta’, sa fejn jaf l-esponenti tali socjeta’ qatt ma kienet involuta ma` l-attur u l-istess socjeta’ u l-istess esponenti m’ghandu ebda konnessjoni ma` l-istess socjeta’ hlief bhala impjegat ta` l-istess.

Illi minghajr pregudizzju ghal premess m’huwiex minnu li l-esponenti ta xi struzzjonijiet lill-konvenut aktar u aktar fuq proprjeta’ li ma tappartjeniex lilu.

Illi fi kwalunkwe’ kaz u minghajr pegudizzju ghall-premess l-ammont reklamat huwa ezagerat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Peter Agius u Pierre Buontempo.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Mill-provi jirrizulta illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ xoghol ta’ tqattiegh ta` l-blat allegatament maghmul mill-konvenut f’Ottubru ta` l-2003, liema talba hija kkontestata mill-konvenut. Ra illi l-konvenut eccepixxa l-azzjoni tal-

preskrizzjoni a tenur ta` l-artiklu 2149 (a) tal-Kap 16 u li ghalih jezisti t-terminu statutorju preskrittiv ta' sentejn u li dan it-terminu ghadda.

Sema` l-attur jispjega kif huwa kien ghamel xoghol ta' tqattiegh ta' blat gewwa razzett f'Siggiewi, f'Ottubru ta` l-2003 u li kien tlesta' fi zmien xahar.

Skond ix-xhieda tal-konvenut huwa kien gie mqabbad mis-sid tar-razzett sabiex jaghmel xi xoghol ta' elettriku u '*aluminium'* fl-istess razzett u li huwa ma kienx sid ir-razzett. Qal ukoll illi huwa qatt ma ngagga lill-attur ghal xi xoghlijiet u li ma kellux jaghti ebda ammont lil attur.

It-Tribunal ezamina dokument ezebit mill-attur datat 3 ta' Ottubru, 2003 maghmul mill-Perit Anthony Muscat fejn indika xoghol ta' tqattiegh ta' blat maghmul fit-3 ta' Ottubru, 2003 fl-ammont ta' Lm1498.41 ta' dak iz-zmien, liema xoghol u perjodu ta' zmien gie indikat mill-istess attur.

It-Tribunal kkonstata illi x-xoghol mertu tat-talba gie maghmul f'Ottubru ta` l-2003.

Mill-provi jirrizulta illi t-talba giet prezentata fil-15 ta' Frar, 2006 u li minn Ottubru, 2003 sal-15 ta' Frar, 2006 ma gietx imresqa ebda prova biex tittanta tipprova li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentenjn gie interrott u ghaldaqstant ghandu jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta` l-artiklu 2149 (a) tal-Kap 16 u jiddikjara l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut hi preskritta u m'ghandux jidhol fil-mertu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------